31985R3519

L 335/59 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 13.12.1985

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEFA, KEE, EURATOM) Nru 3519/85 tat-12 ta' Diċembru 1985 li jemenda Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68, li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej;

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2151/82 [3], għandu jkun emendat sabiex jittieħed kont ta' dawn ir-Regolamenti li ġejjin:

— Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1679/85 tad-19 ta' Ġunju 1985 li jintroduċi miżuri speċjali u temporanji biex ikun itterminat is-servizz ta' ċerti uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej fis-servizzi xjentifiċi u tekniċi [4],

— Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2799/85 tas-27 ta' Settembru 1985 li jemenda r-Regolament tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra [5],

— Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3518/85 tat-12 ta' Diċembru 1985 li jintroduċi miżuri speċjali biex ikun itterminat is-servizz ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej bħala riżultat ta' l-adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall [6].

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-disa', l-għaxar u l-ħdax–il inċiż li ġejjin huma b'hekk miżjuda ma' l-Artikolu 2 ta' Regolament (KEE, Euratom. KEFA) Nru 260/80:

"— dawk intitolati għall-*allowance* tat-terminazzjoni tas-servizz taħt l- l-Artikolu 3 ta' Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1679/85,

— dawk intitolati għal benefiċċju tal-qagħad taħt l-Artikolu 28a tal-kondizzjonijiet ta' mpjieg ta' aġenti oħra, kif jirriżulta minn l-Artikolu 33 ta' Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2799/85,

— dawk intitolati għall-*allowance* tat-terminazzjoni tas-servizz taħt l-Artikolu 4 ta' Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 351885."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jkun japplika mid-data li fiha r-Regolamenti rispettivi msemmija fl-Artikolu 1 jidħlu f'effett.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Diċembru 1985.

Għall-Kunsill

Il-President

R. GOEBBELS

(1) ĠU C 229, tad-9.9.1985, pġ. 97.
(2) ĠU L 56, ta' l-4.3.1968, pġ. 8.
(3) ĠU L 228, ta' l-4.8.1982, pġ. 4.
(4) ĠU L 162, tal-21.6.1985, pġ. 1.
(5) ĠU L 265, tat-8.10.1985, pġ. 1.
(6) Ara paġna 56 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.